MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 99/2003

**Lombard Bank Malta plc**

**vs**

**Anna Bonnici**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-bank attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,690.95) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta’ “overdraft” li ghandha ma’ l-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sa’ l-erbgha (4) ta’ Frar, tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond statement anness u mmarkat Dok “A” oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa (5) ta’ Frar, tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv, u dan stanti l-fatt li ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont hawn fuq imsemmi anke ufficjalment hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra taghha.

Bl-ispejjez, kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-15 ta’ Novembru, 2002, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-kawza u bl-imghaxijiet legali mill-5 ta’ Frar, 2003, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-bank attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta’ Gunju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------